MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2007

Numru. 53/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**JASON FRANCES FORMOSA ta' 24 sena, bin Nickles u Catherine k/a Katie nee' Vella, imwieled l-Awstralja fl-1 ta' Marzu 1982 u joqghod "Aussie Dreams", Triq Torri Tingi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 191703(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Jason Frances Formosa li gie akkuzat talli fis-16 ta' April 2005 f'Ghawdex, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha ai termini ta'l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-awtorizazzjoni moghtija mill-Avukat Generali u dana bis-sahha tas-Subartikolu 2 ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara illi l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jikkunsidra l-istess ammissjoni;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni stess ta' l-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali ta' l-imputat kif ukoll il-fatt illi jidher mill-provi illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li din kienet l-unika darba illi l-imputat ikommetta dan it-tip ta' reat;

Ghalhekk il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Jason Frances Formosa hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum;

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana il-perijodu tal-liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti qeghda tordna d-distruzzjoni tad-dokument u ghal dan il-ghan qeghda tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jaghmel dan;

Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------